MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tat-3 ta' Frar, 2015

Numru. 124/2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nicholas Vella)**

**vs**

**Nour Eddine G Ibrahim Hamid**
**(ID: 0113704A)**

Il-Qorti,

**Rat l-akkuzi migjuba kontra Nour Eddine G Ibrahim Hamid talli fil-31 ta' Jannar 2015 u fil-granet ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer f'Malta:**

**Ta fastidju li Silvana Muscat meta kien jaf jew missu kien jaf li, b'tali mgieba tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor fastidju.**

**Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna bizgha li ser tintuza vjolenza kontra Silvana Muscat mill-Mosta, meta hu kien jaf jew missu kien jaf li b'tali mgieba tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor bizgha.**

**Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament gharraq, hassar jew kisser hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli cioe' hsara liema ammont ta' hsara ma jiskorrix 250 ewro ghad-detriment ta' Silvana Muscat u/jew persuni ohra.**

**Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Silvana Muscat.**

**Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex jaghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li jgieghel lil Silvana Muscat taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, jew hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra tieghu/taghha, jew biex immalafama lil Silvana Muscat, jew xi persuni ohra jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih. -**

**Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex illi f'kaz ta htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Silvana Muscat 148479M flimkien mal-piena, u torbot lil hati b'obbligazzjoni taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.**

**Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat;**

**Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-posizzjoni tieghu;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.**

Ikkunsidrat:

**Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; u ghalhekk dawn huma sodisfacjentement ippruvati.**

**Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu li hija kwazi netta. Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-koperazzjoni tal-imputat mal-Pulizija, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u wkoll il-fatt li r-reati in kwistjoni sehhew fl-isfond ta' separazzjoni personali.**

Decide

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 251B, 325, 339 (1) (e) tal-Kodici Kriminali u artikolu 49 (a), (b) u (c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat** Nour Eddine G Ibrahim Hamid **hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena ta'**

**sitt xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal sentejn (2) mill-lum. Il-Qorti qieghdha wkoll tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa ta' mitt ewro (€100).**

**Il-Qorti qieghdha wkoll tordna lill-imputat sabiex taht penali ta' elf ewro (€1000) ma jkellimx, ma jimmolestax u ma jingurjax lil Silvana Muscat ghal perjodu ta' sena mil-lum u dan ai termini tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali.**

**Finalment, il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju, ai termini tal-artikolu 28A (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sentejn mil-lum.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------